

Brussell, 12 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

10536/26

CCG 24

## EŻITU TAL-PROCĊEDIMENTI

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

---

Nru. dok. preċ.: 9382/1/26 ADD 1; 9382/1/26 ADD 1 COR 1

---

Suġġett: Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-krediti għall-esportazzjoni

---

Id-delegazzjonijiet isibu fl-anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-krediti għall-esportazzjoni, kif approvati mill-Kunsill (Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji) fl-4181 laqgħa tiegħu tat-12 ta' Ġunju 2022.

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

1. Messaġġ ġenerali

- a. JISSOTTOLINJA r-rwol strumentali tal-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati biex jitmexxew 'il quddiem l-oġġettivi strateġiċi tal-Unjoni Ewropea, fosthom il-kompetittività industrijali, it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, ir-reżiljenza, is-sigurtà tal-provvista ta' materja prima kritika u l-aċċellerazzjoni tat-teknoloġiji strateġiċi. JIRRIKONOXXI l-importanza tal-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati biex immexxu 'l quddiem l-aġenda tagħna dwar il-kummerċ u s-sħubijiet internazzjonali<sup>1</sup> u biex il-kumpaniji tal-UE jkunu jistgħu jikkompetu għal kuntratti u proġetti fuq skala internazzjonali, jimmotivaw l-innovazzjoni, u jiżguraw impjiegi u tkabbir fl-Istati Membri kollha.
- b. JISĦAQ li l-ekonomija globali u x-xenarju ġeopolitiku li qed jevolvu malajr jitolbu azzjoni b'saħħitha, rapida u kkoordinata mill-UE sabiex jintlaħqu dawk l-oġġettivi strateġiċi, permezz tat-tiżiħ tas-sistema tal-finanzjament pubbliku tal-esportazzjoni fl-UE kif ukoll l-oqfsa multilaterali li jirregolaw il-kreditu għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati.
- c. JAFFERMA MILL-ĠDID l-importanza li tiġi ppreservata sistema multilaterali u bbażata fuq ir-regoli biex jiġu żgurati kummerċ u kompetizzjoni ġusti u ekwi għan-negozji tal-UE fis-swieq internazzjonali.

---

<sup>1</sup> L-impenn ta' Sevilja, ir-Raba' Konferenza Internazzjonali dwar il-Finanzjament għall-Iżvilupp, 2025, li jinkoraġġixxi kooperazzjoni u allinjament akbar bejn l-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni, il-banek multilaterali tal-iżvilupp u atturi finanzjarji oħra biex jissaħħu l-effiċjenza u l-impatt tal-kapital pubbliku, b'mod partikolari fid-dawl tar-restrizzjonijiet finanzjarji li qed jiżdiedu.

- d. JISĦAQ li l-UE għandha tiegħu rwol ta' tmexxija fl-adattament tal-Arranġament tal-OECD dwar il-Krediti għall-Esportazzjoni Uffiċjalment Appoġġati (l-"Arranġament tal-OECD") għar-realtajiet ekonomiċi tal-lum sabiex tiġi żgurata r-rilevanza tal-Arranġament, jiġu pprovduti kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-esportaturi tal-UE u tittejjeb il-kompetittività mal-pajjiżi li mhumiex Parteċipanti fl-Arranġament tal-OECD.
- e. JIRRIKONOXXI l-ħidma mibdija mill-Kummissjoni u l-Istati Membri dwar it-tiżni tar-rwol tal-finanzjament pubbliku tal-esportazzjoni fl-arkitettura finanzjarja tal-UE u JILQA' d-diskussjonijiet u l-eżiti mit-Tieni Konferenza ta' livell għoli dwar koordinazzjoni msaħħa tal-għodod finanzjarji esterni li saret fl-1 ta' Ottubru 2025.
- f. JAPPELLA GĦAL azzjoni deċiżiva biex jissaħħu l-mekkaniżmi ta' appoġġ fil-livell tal-UE u l-kollaborazzjoni fl-UE, mal-istituzzjonijiet ta' finanzjament pubbliku għall-esportazzjoni tal-Istati Membri u bejniethom, biex tiġi appoġġata b'mod effettiv il-kompetittività tal-kumpaniji tal-UE barra mill-UE u jiġu mħarsa l-interessi strateġiċi tal-UE.

## 2. Kompetittività tal-UE

- a. JISĦAQ li l-interazzjoni u l-koordinazzjoni effiċjenti u reċiproċi bejn l-istrumenti ta' finanzjament fl-UE huma kruċjali biex jissaħħu l-interessi strateġiċi u ġeoekonomiċi tal-UE kif ukoll il-kompetittività tagħha.
- b. JILQA' r-rieda tal-Istati Membri li jkomplu bl-isforzi tagħhom biex jintensifikaw il-kooperazzjoni bejn l-istituzzjonijiet fil-livell nazzjonali li tista' ġġib valur miżjud għan-negozji tal-UE.
- c. IĦEĠĠEĠ lill-UE tfittex modi rapidi u aġli ta' kollaborazzjoni mal-aġenziji ta' kreditu għall-esportazzjoni (ECAs) tal-UE biex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tas-suq.

- d. JIRRIKONOXXI l-potenzjal tal-ECAs tal-UE, kemm biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE kif ukoll biex jiġi mobilizzat kapital privat għall-prijoritajiet strateġiċi tal-UE u JAPPELLA għal oqfsa tal-UE li jkunu jistgħu jirfdu l-ECAs tal-UE u jisfruttaw l-impatt tagħhom.
- e. JAPPOĠĠA l-isforzi għal għodod ġodda ta' finanzjament u garanzija fil-livell tal-UE, li għandhom ikunu sempliċi u mfassla speċifikament biex jappoġġaw l-ECAs tal-UE, filwaqt li jiżguraw kemm addizzjonalità kif ukoll komplementarjetà għas-sistemi nazzjonali eżistenti u jiżguraw il-kompatibbiltà mal-forniment attwali ta' finanzjament pubbliku tal-esportazzjoni li jingħata mill-ECAs.
- f. JISTIEDEN lill-Kummissjoni tqis il-kontribut mill-Kunsill dwar il-karatteristiċi ewlenin u l-prinċipji tal-kreditu għall-esportazzjoni biex tiġi żgurata l-addizzjonalità tal-appoġġ għall-finanzjament pubbliku tal-esportazzjoni fil-livell tal-UE fit-tfassil ta' tali għodda. IĦEĠĠEĠ aktar skambji u kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-Kunsill f'din il-ħidma.
- g. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-ECAs tal-UE li jikkontribwixxu biex tissaħħaħ l-istrateġija Global Gateway u politiki oħra tal-UE relatati mal-kompetittività globali tal-UE, kif ukoll ir-rwol li l-finanzjament pubbliku għall-esportazzjoni jista' jkollu fl-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki bħala mezz biex jiġi ppreservat ir-rwol ewlieni tal-UE fit-trawwim ta' sħubijiet internazzjonali sostenibbli li jgħibu benefiċċji reċiproċi għall-pajjiżi sħab u l-UE.
- h. JILQA' l-Pjattaforma ta' Investiment tal-Global Gateway u l-koordinazzjoni msaħħa tal-għodod finanzjarji esterni tal-UE. JAPPOĠĠA l-isforzi biex jiġi żgurat li inizjattivi ġodda ma jillimitawx il-mudell operazzjonali tal-ECAs jew il-kooperazzjoni li teżisti fost l-ECAs biex tiġi żgurata l-kompetittività tan-negozji tal-UE barra mill-UE.

- i. JISĦAQ li l-appoġġ finanzjarju tal-UE għall-implimentazzjoni ekonomika strateġika tal-Global Gateway għandu jkun disponibbli wkoll għall-ECAs, peress li dawn għandhom rwol importanti fil-mobilizzazzjoni tal-involviment tas-settur privat tal-UE fis-swieq emerġenti u fl-ekonomiji li qed jiżviluppaw, f'konformità mal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-UE.
- j. JENFAZZA li l-appoġġ finanzjarju għall-implimentazzjoni ta' politiki oħra tal-UE relatati mal-kompetittività u l-azzjoni esterna għandu jkun disponibbli wkoll għall-ECAs, li jirrifletti l-ħtieġa urġenti li s-settur privat tal-UE jkun preżenti f'ambjent dejjem aktar frammentat u kompetittiv fis-swieq emerġenti u fl-ekonomiji li qed jiżviluppaw.
- k. JAPPELLA lill-ECAs tal-UE jkomplu jsaħħu l-kooperazzjoni u jtejbu l-viżibbiltà tal-attivitajiet ikkombinati tagħhom u l-valur miżjud għall-arkitettura finanzjarja tal-UE.

### 3 Kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fuq livell globali

- a. JIRRIKONOXXI li x-xenarju tal-finanzjament globali evolva b'mod sinifikanti minn mindu ġie stabbilit għall-ewwel darba l-Arranġament tal-OECD, inkluż fis-swieq emerġenti u fl-ekonomiji li qed jiżviluppaw. Filwaqt li l-importanza li l-finanzjament tas-settur privat jiġi mobilizzat qed tiġi rikonoxxuta dejjem aktar bħala mod kif jiġi appoġġat l-iżvilupp ekonomiku, il-pajjiżi li mhumiex Parteċipanti fl-Arranġament tal-OECD (non-Parteċipanti) qed joffru dejjem aktar termini ta' finanzjament flessibbli u mhux trasparenti, li jagħmluha diffiċli li tikkompeti ma' offerti bbażati fuq informazzjoni mhux kompluta.

- b. JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa għal qafas multilaterali għal krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta għall-esportaturi tal-UE u JFAKKAR li l-OECD tipprovdi l-forum għaż-żamma, l-iżvilupp u l-monitoraġġ tad-dixxiplini finanzjarji għall-kreditu għall-esportazzjoni stipulati fl-Arranġament tal-OECD. JILQA' d-diskussjonijiet fl-OECD dwar kif għandu jkun hemm dialogu mal-pajjiżi li mhumiex Parteċipanti b'rabta ma' kwistjonijiet ta' kompetittività u ta' trasparenza.
- c. JIVVALUTA li l-Arranġament tal-OECD dejjem qed jiffaċċa aktar sfidi kemm fir-rigward ta' kompetizzjoni akbar mill-pajjiżi li mhumiex Parteċipanti kif ukoll fir-rigward taż-żamma ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni fost il-Parteċipanti tiegħu.
- d. JISĦAQ fuq l-importanza li l-Arranġament tal-OECD jiġi adattat biex tiġi ppreservata r-rilevanza tiegħu, filwaqt li jiġu indirizzati l-isfidi kemm minn ġewwa kif ukoll minn barra l-Arranġament.
- e. JIRRIKONOXXI li sabiex jiġu indirizzati dawn l-isfidi, l-Arranġament irid jippermetti lill-esportaturi tal-UE jikkompetu b'mod aktar effettiv mal-pajjiżi li mhumiex Parteċipanti u trid tittejjeb it-trasparenza reċiproka dwar l-appoġġ uffiċjali relatat mal-kummerċ li ma jaqax taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Arranġament.
- f. JENFASIZZA li l-UE għandha tmexxi l-isforzi tal-Parteċipanti fl-Arranġament tal-OECD biex it-tieni fażi tal-modernizzazzjoni titwettag b'suċċess fi żmien xieraq, bil-ħsieb li dawn l-isfidi jiġu indirizzati b'mod effettiv.

#### 4. Tranżizzjoni klimatika u ekoloġika

- a. JIRRIKONOXXI r-rwol tal-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati fil-promozzjoni ta' kummerċ u ta' investimenti sostenibbli li jappoġġaw ekonomija newtrali għall-klima u reżiljenti. JISĦAQ fuq il-ħtieġa urġenti li titħaffef l-azzjoni biex jintlaħqu l-għanijiet ambjentali u klimatiċi fit-tul tal-UE, filwaqt li jiġi rikonoxxut ir-rwol li l-finanzjament tal-esportazzjoni, kemm dak pubbliku kif ukoll dak privat, jista' jaqdi biex titmexxa 'l quddiem din l-aġenda. JAFFERMA MILL-ĠDID ir-responsabbiltà u l-impatt li l-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati tal-UE għandhom fir-rigward tal-impenn tal-Ftehim ta' Pariġi biex iż-żieda fit-temperatura globali tiġi limitata għal 1.5 C, filwaqt li jenfasizza l-importanza ta' kooperazzjoni internazzjonali msaħħa, kif ukoll jissottolinja l-opportunitajiet u l-benefiċċji li jirriżultaw mill-azzjoni klimatika. IĦEĠĠEĠ lill-UE tkompli taħdem biex tilħaq dawn l-għanijiet billi tibni fuq l-ewwel fażi tal-modernizzazzjoni tal-Arranġament tal-OECD fl-2023.
- b. JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li l-politiki relatati mal-krediti għall-esportazzjoni jiġu adattati kontinwament biex ikunu allinjati mal-ambizzjonijiet klimatiċi tal-UE, mal-prattiki ta' finanzjament estern u mal-kapaċitajiet kummerċjali u l-kompetittività tal-UE filwaqt li jitqiesu l-aħħar evidenza xjentifika u avvanzi teknoloġiċi.
- c. JILQA' l-inizjattivi li saru minn ECAs individwali tal-UE u l-isforzi kollettivi tagħhom biex l-appoġġ għall-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati jitkejjel u jiġi allinjat mal-għanijiet klimatiċi fit-tul tal-Unjoni bħall-impenji biex il-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati jintemmu għal proġetti fis-settur tal-enerġija mill-fjuwils fossili<sup>2</sup> u biex issir newtrali għall-klima fl-2050. JILQA' r-riżultati tal-ewwel fażi tal-modernizzazzjoni tal-Arranġament tal-OECD, li jippermettu lill-ECAs joffru inċentivi addizzjonali għal proġetti ambjentalment sostenibbli. IĦEĠĠEĠ it-tkomplija tal-isforzi ta' kooperazzjoni fost l-ECAs fl-UE kif ukoll barra minnha f'dan ir-rigward.

---

<sup>2</sup> Jiġifieri proġetti ta' esplorazzjoni, produzzjoni, trasport, ħżin, raffinar, distribuzzjoni ta' faħam, żejt mhux raffinat, gass naturali, u ġenerazzjoni tal-enerġija b'emissjonijiet mhux imnaqqsa.

- d. JAPPOĠĠA l-isforzi mwettqa mill-ECAs tal-UE biex jeliminaw gradwalment l-appoġġ għal proġetti fis-settur tal-enerġija mill-fjuwils fossili, joħlqu inċentivi għal appoġġ imsaħħaħ għal proġetti ambjentalment sostenibbli u aktar trasparenza biex tiġi mmonitorjata din it-tranżizzjoni. JIKKOMMETTI RUĦU li jikkontribwixxi regolarment għar-rapport ta' trasparenza volontarju dwar il-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati li jingħataw għal tranżazzjonijiet fis-settur tal-enerġija, kif sar fl-2025. IĦEĠĠEĠ sforzi kontinwi biex fl-eżerċizzju jiġu inklużi aktar pajjiżi Parteċipanti tal-OECD kif ukoll pajjiżi li mhumiex Parteċipanti.
- e. JISĦAQ li l-Unjoni ser tkompli bl-isforzi tagħha biex tirriforma l-oqfsa internazzjonali li jirregolaw il-krediti għall-esportazzjoni uffiċjalment appoġġati biex dawn jiġu allinjati mal-objettivi klimatiċi u ambjentali tal-UE.
- f. IĦEĠĠEĠ lill-Istati Membri jsaħħu l-appoġġ tagħhom għal proġetti ta' esportazzjoni ambjentalment sostenibbli bl-objettiv li tissaħħaħ il-kompetittività tal-offerta tal-UE f'dak il-qasam.

## 5. Ukrajna

- a. JIRRIKONOXXI l-ħidma li għaddejja biex jiġi pprovdut finanzjament pubbliku tal-esportazzjoni fil-livell tal-UE, kemm bħala parti mill-Qafas ta' Investiment għall-Ukrajna kif ukoll bħala Proġett Pilota ta' Kreditu għall-Esportazzjoni għall-Ukrajna ta' InvestEU implimentat mill-Fond Ewropew tal-Investment. JINNOTA l-ħtieġa li t-tagħlimiet meħuda jiġu integrati f'oqfsa futuri ta' investment u appoġġ.
- b. JAPPELLA biex jitkompla l-involviment tal-ECAs biex jipprovdu appoġġ b'saħħtu u sod lill-Ukrajna, inkluż permezz ta' assistenza relatata mal-finanzjament pubbliku tal-esportazzjoni kemm lil negozji tal-UE kif ukoll lil dawk Ukreni.

## 6. Reżiljenza u sigurtà ekonomika

- a. JENFASIZZA r-rwol tal-ECAs fil-kontribut għar-reżiljenza u s-sigurtà ekonomika tal-UE billi jagħtu appoġġ stabbli lin-negozji tal-UE, permezz tal-forniment ta' finanzjament pubbliku tal-esportazzjoni biex jgħinuhom jikkompetu fuq termini ugwali fuq livell globali u fi ħdan l-oqfsa multilaterali.
- b. JIRRIKONOXXI r-rwol strateġiku li jista' jkollu l-finanzjament pubbliku tal-esportazzjoni, fil-forma ta' strumenti ta' finanzjament, biex jitnaqqsu d-dipendenzi billi jinkisbu ktajjen tal-valur tal-UE diversifikati, reżiljenti u siguri u JENFASIZZA li l-UE u l-Istati Membri tagħha jeħtieġ li jużaw u jisfruttaw aħjar il-finanzjament pubbliku tal-esportazzjoni għal provvista sigura u sostenibbli ta' materja prima kritika u biex ikollhom rwol ta' tmexxija f'teknoloġiji strateġiċi, f'konformità mal-Komunikazzjoni Konġunta dwar it-Tisħiħ tas-sigurtà ekonomika tal-UE<sup>3</sup>.
- c. Fi żmien ta' instabbiltà globali u fejn il-kummerċ u d-dipendenzi qed jintużaw bħala arma, JENFASIZZA l-importanza vitali ta' azzjoni magħquda tal-UE fir-rigward tal-finanzjament pubbliku tal-esportazzjoni biex jiġu appoġġati u msaħħa n-negozji tal-UE.

---

<sup>3</sup> Il-Komunikazzjoni Konġunta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, Insaħħu s-sigurtà ekonomika tal-UE, JOIN(2025) 977 final, Brussell 3.12.2025.